**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju, 2019**

**Rikors Kongunt nru: 269/19 AGV**

**AB (ID nru: 24475M)**
**U**
**CD (ID nru: 204675M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet pprezentat fil-11 ta' Gunju, 2019 li permezz tieghu ppremettew u talbu is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fl- 1 ta' Ottubru 2004, gewwa Radisson SAS Bay Point San Giljan Malta u dana skont l-att taz-zwieg nnumerat 1780/2004 (Hawn anness u mmarkat bhala Dok A).
2. Illi ma hemm l-ebda prosett ragenjovoli ghl rikonciljazzjoni bejniethom stante li minabarra li ilhom ma jghixu flimkien bhala koppja mizzewwga ghal aktar minn erba (4) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin. (Dokument tas-seperazzjoni hawn anness bhala Dok. B).

3. Illi dal-fatti fuq imsemmija jissudisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B ta-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet jikkonfermaw ir-rikors kongunt taghhom *seduta stante.*

**DECIDE**

Il-Qorti, ghalhekk, tilqa' t-talbiet.

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**